MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 214/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Lawrence Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Muscat talli fil-15 ta’ Jannar 2003 ghall-habta tad-21.00 bhala persuna li nizel l-art jew imbarka f’Malta naqas li jkollu passaport u jaghti lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u jehtieg;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Mejju 2006 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Muscat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Lawrence Muscat ipprezentat fid-9 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta’ l-unika imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minnha tilliberah skond il-ligi u, minghajr pregudizzju, f’kaz lid an l-appell ma jintkaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;
Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) mill-fatti rizultanti ma seta’ qatt jigi dedott l-element intenzjonali rikjest ghar-reat dedott kontra tieghu; (2) minghajr pregudizzju, il-piena nflitta timmerita temperament jew ghandu jkun hemm l-impozizzjoni ta’ sanzjoni ohra.

Kwantu ghall-aggravju principali tieghu, l-appellant jilmenta illi quddiem l-ewwel Qorti huwa invoka l-kwistjoni ta’ l-intenzjoni izda din ma gietx indirizzata mill-ewwel Qorti li rriteniet illi r-reati in kwistjoni kienu “formal offences”. Skond l-appellant, sabiex ireggi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 28 tal-Kap. 217, jehtieg li jigi ppruvat kemm l-element materjali (konsistenti fl-inzul jew imbarkar f’Malta, in-nuqqas ta’ produzzjoni tal-passaport jew in-nuqqas li tinghata l-informazzjoni lill-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni) kif ukoll l-element intenzjonali – u cioe` dik l-intenzjoni generika li tkun taf u trid li tikser il-ligi. Jghid li mill-artikolu 28 tal-Kap. 217 ma jirrizultax illi mhux mehtieg li jigi ppruvat l-element intenzjonali (generiku) imsemmi. Isostni li, *dato non concesso* li effettivament id-dghajsa “Kristina” harget barra mill-ibhra territorjali ta’ Malta, mill-fatti li japplikaw ghalih ma tistax

tigi dedotta l-intenzjoni generika msemmija. Huwa jelenka s-segwenti:

*"- li d-dghajsa bl-isem Kristina mhijiex tieghu, anzi gie ppruvat li tappartjeni lil terz;*

*- li gie stabbilit minghajr kontestazzjoni li s-sewwieq tad-dghajsa de quo fl-ebda hin ma kien hu izda terz;*

*- li fl-ebda hin l-esponent ma kellu anki l-icken kontroll fuq il-manuvrar tal-imsemmija dghajsa; hu kien biss passiggier;*

*- li huwa ta spjegazzjoni ghall-prezenza tieghu fuq l-imsemmija dghajsa (u cioe` li huwa kien qed jakkumpanja lil terz sabiex dan l-istess terz jipprova d-dghajsa minhabba li din seta' kellha xi hsarat fil-magni);*

*- li permezz ta' xhud tal-prosekuzzjoni u cioe` Jesmond Vella, gie ppruvat sal-konvinciment morali li Joseph Xerri informa lill-imsemmi Jesmond Vella li Emanuel Xerri kien bid-dghajsa tieghu u li zviluppatlu hsara u talbu biex imur mieghu halli jaghtuh l-ghajnuna;*

*- li, kienx hemm hsara jew le, l-esponent jinsab korroborat b'dak li jixhed l-imsemmi Jesmond Vella meta l-esponent jghid a tempo vergine fl-istqarrija tieghu li in effetti d-dghajsa zviluppatilha hsara u li kienu sejhu ghall-ghajnuna minghand Joseph Xerri;*

*- li ebda prova jew fatt iehor ma gie mressaq li b'xi mod, anke jekk remotament, jista' jindika li ghall-allegat hrug mill-ibhra territorjali ta' Malta, l-esponent kellu xi influwenza materjali;*

*Illi ghalhekk fil-kwadru ta' dawn il-fatti rizultanti jigi umilment osservat li l-provi fl-intier taghhom – u fil-konfront tal-esponent – jippuntaw lejn direzzjoni univoka – u cioe` li l-esponent ghandu jitqies li huwa kien fuq l-imsemmija dghajsa <u>taht l-impressjoni genwina</u> li huwa kien qed jakkumpanja lit-terz, proprjetarju tad-dghajsa, ghar-raguni, biss u esklussivament, sabiex l-istess terz*

*jipprova l-magni u minhabba li dan seta' kellu suspett ta' xi hsarat.*

*Minn hemm 'il quddiem, kwalunkwe azzjoni mehuda mit-terz (l-allegat sewqan 'il barra mill-ibhra territorjali ta' Malta, bi speed veloci, b'manuvrar zig-zag) ma tistax tkun attribwibbli lill-esponent jew b'kull mod iehor tkun ekwiparata man-nuqqas bi ksur tal-artikolu 28 tal-Kap. 217 da parti tal-esponent.*

*Il-prova tal-prezenza tal-esponent fuq id-dghajsa mhux bizzejjed biex huwa jinstab hati kif akkuzat. Huwa evidentissimu li fil-kaz odjern huma mankanti fatti u provi konklussivi fil-konfront tal-esponent.*

*Illi ghalhekk legittimament u ragonevolment l-esponent ma jistax jinstab hati talli kiser id-dispost tal-artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Issa, minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta illi huwa minnu illi l-ewwel Qorti qalet illi *"l-akkuzi migjuba kontra l-imputati huma 'formal offences"*, izda qalet ukoll: *"Illi di piu`, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sollevat mid-Difiza, ghal dak li jirrigwardja l-fatt illi l-imputat Lawrence Muscat kien biss passiggier f'dan il-'boat'. Huwa evidentissimu illi l-imputat Muscat kien jaf ezattament x'qed jigri, kien jaf illi kienu qed jigu segwiti mill-ufficjali tal-AFM, u dan flimkien mal-imputat Xerri, naqas li jottempera ruhu mal-awtoritajiet"*, u dan qalitu wara li kienet ghaddiet in rassenja l-provi kollha migjuba quddiemha.

Huwa utili li ssir referenza ghal dak li qalu x-xhieda principali tal-prosekuzzjoni peress illi mix-xiehda taghhom johorgu l-punti saljenti ta' dak li sehh fil-15 ta' Jannar 2003.

**Il-Maggur Cauchi Inglott** xehed illi fil-15 ta' Jannar 2003 hu kien fuq il-patrol boat E-51 u flimkien ma' *power boat* ta' l-AFM bdew jinvestigaw bcejjec tal-bahar fl-areja tal-Mellieha ghall-habta tas-7.00 p.m. Ghall-habta tat-8.30 p.m. innota *contact* fuq ir-radar tieghu tipprocedi fid-direzzjoni ta' Sqallija b'velocita` ta' 'l fuq minn erbghin

knot. Idderiga l-*power boat* lejn il-*contact* ghall-iskop ta' intercezzjoni. Fid-9.05 p.m. kien hemm kuntatt viziv u l-*power boat* taghhom beda jiccejsja l-*power boat* l-iehor lejn Sqallija u x'hin kienu xi erbghin metru minnu tefghu s-*searchlight* fuqu u xeghlu s-sirena. Ix-xhud qal li huwa kien qieghed isegwi fuq ir-radar. Dan il-*power boat* ma waqafx u beda jaghmel *criss cross manoeuvres* biex il-*power boat* tal-AFM bl-iskossi tal-mewg tieqaf. Fid-9.10 p.m. tilef il-kuntatt ir-radar izda baqa' l-kuntatt bir-radju. Il-*power boat* ta' l-AFM baqghet ticcejsja l-*power boat* l-ohra sa *33 nautical miles off Gozo* u waqfet peress illi bid-dawl ta' Sqallija d-driver ma setax jibqa' jara l-*power boat* l-ohra. Huwa nforma lill-Operation Centre Maltija biex jinfurmaw lil dik Taljana u jintalab permess biex il-*power boat* tkompli ticcejsja dik suspettata fl-ibhra Taljani u sabiex it-Taljani jibdew jaghmlu tfittxija min-naha taghhom. Sadattant huwa u l-*power boat* ta' l-AFM iltaqghu biex jistennew il-*power boat* l-ohra gejja lura. Fil-fatt it-Taljani baghtu patrol boat u fil-10.50 p.m. ircieva messagg illi t-Taljani kienu qeghdin jiccejsjaw *power boat* lura minn Sqallija ghal Malta. Ftit zmien wara ra zewg *contacts* li nduna kienu l-*patrol boat* Taljana u s-*suspect power boat* u t-tnejn kienu diretti lejn il-Ponta tal-Qala, f'Ghawdex. Il-*power boat* kellha aktar velocita` mill-*patrol boat* li eventwalment waqaf. Huwa mbaghad segwa s-*suspect power boat* u l-*power boat* ta' l-AFM fuq ir-radar jinzlu fejn il-Mellieha u jergghu jitilghu 'l fuq l-Armier fejn saret l-intercezzjoni ta' zewg *power boats*, wahda griza u ohra sewda b'kwadri homor. Huwa nizel l-Armier ikellem il-persuni li kienu fuq il-*power boats* u kkonferma li l-appellant u l-ko-imputat l-iehor Emanuel Xerri kienu fuq is-*suspect power boat*.

**Etienne Scicluna**, fizzjal fil-Forzi Armati ta' Malta, xehed li kien fuq *power boat* ta' l-Afm u ghall-habta tad-9.05 p.m. raw *speedboat* hierga 'l barra bla dawl u ppruvaw iwaqqfuha. Xeghlulha d-dawl izda flok waqfet ziedet il-velocita` u ppruvat tahrab u tipprova tibdel il-korsa (tizzigzegja). X'hin regghu gew vicin taghha xeghlulha s-sirena izda baqghet sejra 'l barra b'velocita`. Kien hemm hinijiet fejn gew erbghin metru vicini ta' xulxin. Kienu sejrin fid-direzzjoni tal-kosta ta' Sqallija u x'hin kienu qisu

tmineja u ghoxrin mil nawtiku ‘l barra minn Ghawdex tilfuha. Id-dghajsa l-ohra kienet quddiemhom izjed vicin Sqallija. Dik id-dghajsa kienet sewda b’kaxex homor, dik li tidher fir-ritratti Dok. NX3 u NX4. Wara li tilfuh baqghu xi mumenti fiz-zona u gew ordnati jidhlu lura fejn il-*patrol boat* P-51. Iltaqghu mal-*patrol boat* u wara xi hin raw xi *traces* nizlin minn Sqallija ghal Malta. Dak il-hin ma kienu qeghdin jaraw xejn mill-*power boat* pero` wara ftit raw zewg *power boats* ghaddejjin wara xulxin. Bdew isegwuhom lejn il-Qala, f’Ghawdex u minn hemm gibdu lejn Kemmuna.

**Darren Chetcuti**, suldat fil-Forzi Armati, bazikament jikkorrobora dak li qal Etienne Scicluna.

Kontra dawn il-provi hemm l-istqarrija mhux iffirmata ta’ l-appellant fejn jghid illi hareg bid-dghajsa ma’ Emanuel Xerri f’xi l-4.30 p.m./5.00 p.m. f’direzzjoni li ma jafx liema kienet, isuq ftit Xerri u ftit hu u li ma damux hergin ghax waqfu. Qal li meta waqfu, Xerri cempel lil huh Joey li gie ghalihom izda dam ftit. Cahad li marru Sqallija.

Hemm ukoll ix-xiehda ta’ **Jesmond Vella** li qal li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien San Pawl l-Ghazzenin meta Joe Xerri talbu jmur mieghu peress illi kien hemm wiehed l-Armier biex ituh naqra ghajnuna ghax jahseb li ghandu xi hsara. Qal li marru u sabuh fuq il-mazra u x’hin waslu mieghu ezatt marru fuqhom *helicopter*, pulizija u *dinghies*. Id-dghajsa li sabu fuq il-mazra kienet dik li tidher fir-ritratti Dok. NX3 u NX4 u fuqha kien hemm l-appellant u Emanuel Xerri. In kontro-ezami qal li l-appellant u Xerri kienu tefa’ ta’ gebla ‘l barra mill-art. Kienu qed jaraw x’kellha d-dghajsa. Mistoqsi wara kemm gew il-Forzi Armati, wiegeb: *“Wara siegha, nofs siegha? Jien naf? Ma niftakarx.”* Meta gew, il-magna kienet ghadha ma startjatx. Huwa mar ma’ Joe Xerri semplicement biex jghin, biex izommlu xi haga.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, meta l-appellant qal fl-istqarrija tieghu li ma damux hergin ghax waqfu, huwa car lid an ifisser li meta waqfu kienu, allegatament, f’nofs ta’ bahar. Dan jikkontrasta ma’ dak li xehed Jesmond Vella, cioe` illi

meta hargu jiltaqghu ma' l-appellant u l-ko-imputat l-iehor, sabuhom ma' mazra tefa' ta' gebla mill-art. L-appellant qal ukoll li hargu f'xil-4.30 p.m./5.00 p.m. u ma damux hergin qabel ma waqfu izda mbaghad li hu l-ko-imputat dam ftit biex gie ghalihom. Din il-Qorti nnutat li la l-appellant u l-anqas Jesmond Vella ma jsemmu l-hin li fih iltaqghu. Fil-fatt, jekk l-affarijiet graw kif sostna l-appellant, ma setax ghadda wisq hin bejn il-hin li qal li hargu u l-hin li nghataw l-ghajnuna – zgur mhux is-sitt sieghat jew aktar bejn il-hin li jghid l-appellant u l-hin li gew osservati flimkien mill-membri tal-Forzi Armati. Mill-okkorrenza esebita mill-Maggur Cauchi Inglott (a fol. 37 u 38) fil-fatt jirrizultaw id-dettalji kollha mnizzlin b'mod kronologiku mill-ewwel kuntatt (20.30) sa l-intercezzjoni finali (23.45).

Mela sija minhabba n-nuqqas ta' kredibilita` ta' l-appellant dwar il-punti msemmija sija minhabba r-rizultanzi dwar l-osservazzjoni u insegwiment tal-*power boat* in kwistjoni li fih kien hemm l-appellant flimkien mal-ko-imputat Emanuel Xerri, u cioe` li harget mill-ibhra territorjali ta' Malta ghal Sqallija mnejn giet segwita sahansitra minn *patrol boat* Taljana, u dato li l-appellant jghid fl-istqarrija tieghu li anke hu saq, din il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix li l-appellant kien kompartecipi, bi pjena konoxxenza tieghu, fil-ksur tal-ligi, cioe` fil-ksur ta' l-artikolu 28 tal-Kap. 217, u ghalhekk gie korrettement misjub hati mill-ewwel Qorti ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant jissottometti li ghandu jkun hemm temperament taghha.

In materja ta' piena, il-principju regolatur effettivament huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Skond l-artikolu 32 tal-Kap. 217, il-piena applikabbli hija ta' multa ta' mhux izjed minn hamest elf lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien. L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u ghal multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500). Dan ifisser li l-piena taqa' fil-parametri tal-ligi.

L-ewwel Qorti mponiet dik il-piena wara li qieset illi "kien provvidenzjali li ma wegga' hadd fil-manuvri drammatici li sehhew f'dan l-incident." Din il-Qorti taqbel perfettament. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellat ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------